IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 07**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**L-Erbgħa 14 ta' Jannar 2015 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

Is-Sur Paul Grech — Ċerpersin

**Peress illi ċ-Ċerpersin kien skużat, din il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-Viċi Ċerpersin Paul Galea.**

0.01 **Il-Viċi Ċerpersin ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* nru 4 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jispjega s-sitwazzjoni finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill. Il-Kumitat qabel.**

4.00 **Żbilanċ finanzjarju tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat – Każ Nru: 412/14**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa dwar ċirkolari mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar 'L-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill Lokali għas-sena 2013'. Tali ċirkolari ġiet moqrija lill-membri preżenti, kopja tal-imsemmija ċirkolari tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Żbilanċ finanzjarju tal-KLR – Każ Nru: 412/14

L-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Paul Bugeja spjega li l-Kunsill qiegħed jiġi ordnat sabiex jagħmel biss xogħlijiet kuntrattwali u ma jsirux xogħlijiet oħra għajr dawk

imniżżlin f'Artiklu 33 tal-Att Dwar il-Kunsilli Lokali, Kap. 363. Huwa kompla jispjega li dan l-iżbilanċ finanzjarju qiegħed jidher taħt il-Kunsill Lokali tar-Rabat, li taħtu jaqgħu ż-żewġ Kumitati Amministrattivi. Għaldaqstat, qabel ma jinqata' dan id-*deficit*, la l-Kunsill Lokali Ir-Rabat u lanqas il-Kumitati Amministrattivi tal-Baħrija u tal-Virtù ma jistgħu jagħmlu xogħlijiet għajr dak kuntrattwali.

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B06**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B06 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. *Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B06*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B06** *Punti li joħorġu mill-Minuti B06*

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li din l-offerta tista' tinhareġ peress li hija waħda mis-servizzi kuntrattwali elenkati f'artiklu 33 tal-liġi tal-Kunsilli Lokali. *Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għall-qtugħ ta' ħaxix*

2.02 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tali informazzjoni ser tigi mitluba liċ-Ċerpersin f'seduta oħra peress li llum jinsab skużat. *Ħajt fl-Imtaħleb*

2.03 2.04 Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li bħalissa kien għaddej xogħol ta' żvilupp f'din it-triq, kif ukoll kien beda x-xogħol tad-drenaġġ. Għaldaqstant huwa saħaq li jkun inutli li din it-triq titranġa qabel ma x-xogħlijiet fl-imsemmija triq jitlestew. *Rapport lill-pulizija dwar ħsara mwettqa' fuq il-wiċċ tat-triq tal-Ġnien tan-Nigra*

**3.00 Komunikazzjoni mill-membri**

3.01 Is-Sra Marthese Cortis resqet għall-attenzjoni tal-laqgħa li r-residenti ta' tas-Salib infurmawha li xi snin ilu kienu ġew imwiegħda li kien ser jibda jidħol it-trasport pubbliku ġewwa ż-żona ta' Tas-Salib, iżda sal-lum dan is-servizz għadu ma bediex. *Servizz tat-Trasport Pubbliku ġewwa tas-Salib*

Is-Sur Anġlu Portelli saħaq li filwaqt li jaqbel ma' dak li qalet s-Sra Cortis, huwa qal li dan is-servizz kellu jibda jidħol ukoll ġewwa ż-żona ta' Landrijiet.

Is-Sra Marthese Cortis ipproponiet li nressqu talba lil Transport Malta sabiex ir-rotta tal-Baħrija tibda tinkludi wkoll tas-Salib u Landrijiet. Issekonda din il-proposta s-Sur Anġlu Portelli. Il-Kumitat qabel unanimament.

3.02 Is-Sra Marthese Cortis reġgħet ġibdet l-attenzjoni li t-tabella tal-Cul-de-Sac li twaħħlet ġewwa l-Kunċizzjoni, twaħħlet f'post ħażin. Hija talbet li din tinqala' minn fejn hi u titwaħħal fejn suppost. *Tabella tal-Cul-de-Sac ġewwa l-Kunċizzjoni*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha li kienet ser tibgħat lill-*handyman* tal-Kunsill sabiex iwettaq dan ix-xogħol.

3.03 Is-Sur Anġlu Portelli ġibed l-attenzjoni li s-servizz tat-trasport pubbliku mhux qed jimxi mal-iskeda tal-ħinijiet. Għaldaqstant huwa ppropona li ngħaddu dan ir-rapport lil Transport Malta. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel unanimament.

Ilment dwar is-servizz tat-trasport pubbliku

3.04 Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li hemm tliet ħofor perikolużi fin-niżla tal-Fiddien.

Tliet ħofor fin-niżla tal-Fiddien

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tibgħat lill-*handyman* sabiex jimliehom bil-*cold asphalt*.

3.05 Is-Sur Anġlu Portelli wera d-diżappunt tiegħu li l-Kumitat Amministrattiv ma jistax jagħmel xogħol minħabba d-*deficit* li għandu l-Kunsill. Għaldaqstant huwa ddikjara li ser jibda jiġi għal-laqgħat mingħajr interess.

Dikjarazzjoni mis-Sur Anġlu Portelli

## 5.00 Korrispondenza

5.01 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/0033/15, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-koordinatriċi tal-proġett qed titlobna informazzjoni dwar jekk iż-żona ta' fejn qed jipproponu li jsir dan il-proġett taqax taħt il-konfini tar-Rabat jew inkella tal-Imġarr u f'każ li taqa' taħt il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, huma jkollhom bżonn ittra ta' *no objection* sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw dan il-proġett.

*Windrose Project*

Is-Sur George Attard informa l-laqgħa li waqt il-laqgħa li saret dwar dan il-proġett, huwa informa lill-organizzaturi li l-għelieqi huma kollha tal-privat. Għaldaqstant huwa ppropona li nitolbu lill-koordinatriċi tal-proġett sabiex tibagħtilna 'site plan' ta' fejn bi ħsiebhom jimplimentaw dan il-proġett. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-Kumitat qabel unanimament.

5.02 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/1889/14, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ memo dwar l-ispazji pubbliċi – żoni mituħa. F'din il-memo qed nintalbu nidentifikaw spazji pubbliċi eżistenti u oħrajn ġodda peress li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed iniedi eżerċizzju sabiex tinġabar informazzjoni għall-ippjanar aħjar ta' dawn iż-żoni miftuħa.

Memo 30/2014 – Spazji Pubbliċi – Żoni Miftuħa

Hija saħqet li din il-memo rċevejnieha wara l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv u d-*deadline* biex nissottomettu din l-informazzjoni kienet id-9 ta' Jannar 2015. Għaldaqstant, l-ispazji pubbliċi u ż-żoni miftuħa ġew identifikati miċ-Ċerpersin Paul Grech f'isem il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija. Dawn l-ispazji pubbliċi u ż-żoni miftuħa kienu elenkati hekk kif ġej:

a) Spazju Pubbliku ġewwa l-Kunċizzjoni – it-talba hija li jsirlu *landscaping* u *picnic benches*, kif ukoll li jiġi magħluq b'ċint tas-sejjieħ.
b) Spazju Pubbliku ġewwa Landrijiet – it-talba hija li din il-wesgħa jingħatalha t-*tarmac* u jsirulha r-*road markings*.
c) Ġnien il-Barnuża l-Ħamra (Triq Raddet ir-Roti) – it-talba hija li titranġa l-parti li tinsab biswit il-ġnien.
d) Misraħ Patri Martin Caruana O.P. – It-talba hija li jsiru s-sinjali tat-traffiku

neċessarji sabiex dan il-misraħ ma jibqax ta' periklu għall-vetturi u għar-residenti li ta' kuljum jiffrekwentaw din iż-żona. Barra minn hekk, tlabna wkoll li jsirlu parkeġġ organizzat peress li ħafna nies minn bara l-lokal jiffrekwentaw dan il-villaġġ fi tmiem il-ġimgħa u qed ikun hemm diżorganizzazzjoni sħiħa f'din il-wesgħa.

Il-Kumitat qabel.

6.00 **Materiji Oħra**

6.01 Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa.

**7.00 Data tas-seduta li jmiss**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar 2015 fil-5.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.10 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 18 ta' Frar 2015

Paul Grech

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**